VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 98 tal-2018

ATT DWAR L-INTRAPRIZA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Għajnuna għall-Investiment (Lulju 2014)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Għajnuna għall-Investiment (Lulju 2014) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għajnuna għall-Investiment (Lulju 2014), minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

S.L. 463.10

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. It-tifsira "*guest house*" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandha titħassar.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "li jikkonsisti biss minn waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:", għandhom jidħlu l-kliem "li jikkonsisti biss f'attivitajiet kwalifikanti kif speċifikat fil-Linji Gwida rilevanti";

(b) il-paragrafi (a) (i), (ii), (iii), (b), (c), (d), (e), (f), (g), (h), (i), (j), (k), (l), (m), (n), (o) u (p) tas-subregolament tiegħu għandhom jitħassru.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "jekk:", għandhom jidħlu l-kliem "jekk tkun attività skwalifikata kif speċifikat fil-Linji Gwida."

(b) il-paragrafi (a) (i) (ii) (iii) (iv) (v), (b), (c) (i) (ii) u (d) tiegħu għandhom jitħassru.